MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
MARIO SCERRI**

Seduta ta' l-20 ta' Dicembru, 2007

Talba Numru. 42/2007

Maltacom plc u b'digriet tat-12 ta' Dicembru 2007 l-isem Maltacom plc gie mibdul ghal GO plc

vs

Joseph Rapa

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba tas-socjeta' attrici li jghid hekk :

"Illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' Maltacom plc is-somma ta' tmienja u disghin liri Maltin u ghoxrin centezmi (Lm98.20) dovuti in konnessjoni mas-servizz telefoniku li jgib in-numru 21563053 (A/C no. 10224911) li kien installat fil-fond numru 72, Triq Il-Gnien, Ghajnsielem, Ghawdex, skond diversi kontijiet mibghuta, flimkien mal-ispejjez, l-imghaxijiet, u drittijiet legali.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, tal-ittra ufficjali mibghuta fi Frar 2006, u tal-VAT fuq id-drittijiet

professjonali, u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.”

Ra li l-konvenut gie debitament innotifikat bl-avviz tat-talba u bl-avviz ghas-smigh tal-kawza fl-14 ta’ Settembru 2007, u baqa’ ma dahhal ebda risposta ghalkemm deher quddiem it-Tribunal fl-ewwel dehera u talab zmien biex jitkellem mas-socjeta’ attrici biex jipprova jilhaq ftehim maghha dwar hlas bin-nifs tal-ammont li minghandu s-socjeta’ attrici qed titlob il-hlas.

Ra l-verbal tal-udjenza 15 ta’ Novembru 2007, li permezz tieghu s-socjeta’ attrici nfurmat lil dan it-Tribunal li l-konvenut kien lahaq u ffirma *payment programme agreement* maghha dwar hlas bin-nifs tal-ammont imsemmi fl-avviz tat-talba, kopja ta’ liema ftehim giet esibita fl-atti bhala dokument EC1.

Ra l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidra li t-talba tas-socjeta’ attrici hija gusta u timmerita li tigi milqugha.

Wara li ra wkoll l-artikoli 9(2)(a) u 13(b) tal-Kap.380.

Jiddeciedi ghaldaqstant billi jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici, u jikkundanna lill-konvenut li jhallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tmienja u disghin liri Maltin u ghoxrin centezmi (Lm98.20) ekwivalenti ghal mitejn u tmienja u ghoxrin Euro u erba’ u sebghin centesimi (Euros 228.74), dovuta lis-socjeta’ attrici in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 21563053 (A/C 10224911), bl-imghaxijiet legali fuq din is-somma b’effett mill-prezentata tal-Avviz tat-talba sal-effettiv pagament, u bl-ispejjez kollha konnessi mat-talba tas-socjeta’ attrici u tal-ittra ufficjali ta’ 08 ta’ Frar 2006 (Ittra numru 100/2006), inkluza l-hlas tat-taxxa fuq il-valur mizjud fuq id-drittijiet professjonali tal-avukat tas-socjeta’ attrici, kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------